MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1179/2009

**Rose Mary Saliba (ID 54171 (M))**
**Vs**
**Ian Camilleri (ID 85069 (M))**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Rose Mary Saliba fejn gie premess :**

**1. Illi b' konvenju tas-27 ta' Marzu 2009, li fotokopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok "A" l-intimat konvenut ppremetta u obliga ruhu li jixtri u jakwista minghand r-rikorrenti attrici li accettat u ppremettiet u obligat ruhha li tbiegh l-garage li jinsab numru disgha u erbghin (49) Triq Sant Anglu tas-Sliema (u cioe 49, Sant Angelo Street Sliema) u dan taht il-kondizzjonijiet indikati fl-istess konvenju tas-27 ta' Marzu 2009 hawn anness u markat Dok A;**

**2. Illi peress li l-konvenut, nonostante li gie interpellat sabiex jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv permezz ta' ittra ufficjali mibghuta lilu, li ggib d-data tat-28 ta' Ottubru 2009, l-intimat baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;**

**Ghalhekk ir-rikorrenti talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex :**

**a. tikkundanna lill-konvenut fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgh tal-proprjeta' hawn fuq deskritta u bil-kondizzjonijiet tal-konvenju fuq referit u esebit (dok "A");**

**b. jigi nominat nutar biex jippubblika l-att relattiv;**

**c. jigu nominati kuraturi ghall-eventwali kontumacja;**

**d. tiffissa l-post, gurnata u hin ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi; kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;**

**Salv kull azzjoni ohra li tista' tkun kompetenti lill-attur skond il-ligi.**

**Rat li l-konvenut intimat la deher u lanqas ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fit-terminu li trid il-ligi;**

**Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2010;**

**Rat in-nota ta' l-attrici tal-31 ta' Mejju 2010 u d-dokument maghha anness;**

**Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti;**

**Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;**

**Ikkonsidrat:**

**Peress illi mill-provi prodotti it-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u fil-kontumacja ta' l-intimat;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien tlett xhur millum huwa jersaq ghall-publikazzjoni ta' l-att tal-bejgh tal-proprjeta' in kwistjoni u dana bil-kundizzjonijiet kif kontenuti fil-konvenju relattiv (fol 4 u 5).**

**Tinnomina lin-Nutar Dottor Mark Coppini biex jippubblika l-att relattiv u tinnomina lill-Avukat Dottor Frank Testa bhala kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci.**

**Spejjez kollha kontra il-konvenut intimat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------